MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Mandat Numru. 399/2014/1

**PORTS FOREMEN CO-OPERATIVE LIMITED**

vs

**CENTRAL CEMENT LIMITED (C-6108)** u Transport Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Marzu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, is-soċjeta' koperativa rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-intimati milli "jħott il-vapur irreġistrat taħt l-isem '*M.v. Challenger*' sorġut fi Fuel Wharf mgħobbi biż-żrar u ramel, u kwalunkwe vapur ieħor li ma jkunx mgħobbi bic-*cement* fi Fuel Wharf" u dan billi tgħid li l-ħatt tal-imsemmi bastiment (jew bastimenti oħrajn li ma jkunux mgħobbija bis-siment) mingħajr ma jitqabbdu *foremen* tal-istess koperativa jikser il-ftehim li l-istess rikorrenti għandha mal-kumpannija intimata;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2014, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-27 ta' Marzu, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fit-12 ta' Marzu, 2014, li biha laqgħet għat-talbiet tas-soċjeta' koperativa rikorrenti billi qalet li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat. Dan għaliex, fl-ewwel lok u b'mod preliminari, il-ftehim li r-rikorrenti tistrieħ fuqu kien ftehim li sar bejn terzi u l-intimata la kienet parti fih u lanqas jorbotha, u r-rikorrenti jmissha tħares il-jeddijiet li tippretendi li għandha taħt dak il-ftehim billi tieħu passi kontra l-Awtorita' intimata u mhux kontriha. Hija lmentat ukoll mill-fatt li t-talba tal-ħruġ tal-Mandat qiegħda tesponiha għal danni kbar;

Rat ir-rikors imressaq mill-kumpannija intimata fit-12 ta' Marzu, 2014;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2014 dwar l-imsemmi rikors;

Rat ir-rikors imressaq mill-kumpannija intimata fit-13 ta' Marzu, 2014;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2014 dwar l-imsemmi rikors;

Rat it-tweġiba mressqa mis-soċjeta' rikorrenti fl-14 ta' Marzu, 2014, għar-rikors tal-intimata tat-12 ta' Marzu, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-20 ta' Marzu, 2014, mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, u li biha laqgħet għat-talba tas-soċjeta koperativa rikorrenti billi, fl-ewwel lok, talbet li s-soċjeta' rikorrenti tiċċara sewwa t-talba tagħha dwar liema bastimenti hija qiegħda tirreferi għalihom. Laqgħet ukoll billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jinħareġ;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2014[1], li bih ċaħdet it-tliet talbiet magħmula mill-kumpannija intimata fir-rikors tagħha tat-12 ta' Marzu, 2014;

[1] Paġ. 65 tal-atti

Rat il-verbal magħmul mill-avukat tas-soċjeta koperativa rikorrenti waqt is-smigħ tas-27 ta' Marzu, 2014, li bih iċċarat it-termini tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub mill-istess soċjeta';

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet is-sottomissjonijiet estensivi tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Marzu, 2014, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li s-soċjeta' koperativa rikorrenti (aktar 'il quddiem imsejħa "PFC") trid iżżomm lill-kumpannija intimata (aktar 'il quddiem imsejħa "CC") milli tħott bastiment li bħalissa jinsab sorġut ma' Fuel Wharf, fil-Marsa, jekk mhux billi tqabbad *foremen* membri tal-istess PFC. Trid ukoll li kull darba li xi bastiment ikun qiegħed iħott materjal għal CC fl-imsemmi moll illi ma jkunx siment maħdum, dan isir biss minn *foremen* ta' PFC u mhux minn ħaddieħor;

Tqis li bis-saħħa ta' ftehim li kien sar fit-8 ta' Jannar, 2009[2], bejn PFC u l-Awtorita' Marittima ta' Malta (awtriċi fit-titolu tal-Awtorita' intimata) sar qbil, fost ħwejjeġ oħra, li tliet (3) *foremen* – Pierre Debono, Paul Sammut u Ivan Spiteri Lucas – tinħarġilhom liċenza mill-Awtorita' biex jipprovdu servizzi esklussivi lill-intimata CC skond ftehim li kellu jsir għal dan il-għan bejnhom u l-istess intimata CC. Din il-liċenza kienet tirrigwarda biss il-ħatt minn fuq bastimenti ta' "*cement based products*" għall-benefiċċju ta' CC fi Fuel Wharf. L-imsemmi ftehim sar fil-qafas ta' bidliet li kienu saru dak iż-żmien dwar ix-xogħol fil-Port il-Kbir u ta' ftehim kollettiv li kien għadu kif daħal fis-seħħ[3];

Tqis li l-imsemmija tliet *foremen* mhumiex membri ta' PFC;

Tqis li bis-saħħa ta' ftehim li kien sar fit-3 ta' Lulju, 1995[4], l-Awtorita' Marittima ta' Malta kienet tat lil CC konċessjoni temporanja għat-twaqqif ta' *silos* jew imħażen tas-siment ("*demountable cement storage facility*") f'naħa ta' Fuel Wharf, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Il-ftehim kien għal tmintax-il (18) xahar minn dak inhar, liema żmien jiġġedded bi tnax-il (12) xahar kull darba skond id-diskrezzjoni tal-Awtorita'[5];

Tqis li, dwar il-mod kif CC kellha twettaq il-ħidma tal-ħatt u ż-żamma tas-*silos*, il-ftehim ta' konċessjoni kien jistabilixxi li CC riedet tagħmel dan billi tinqeda bil-ħidma ta' ħaddiema tal-port skond il-liġi fis-seħħ u skond il-pratiki portwali ta' dak iż-żmien[6], u billi, qabel tibda tħaddem dawk il-proċeduri (safejn dawn jistgħu jolqtu, mqar b'mod indirett, pratiki attwali ta' ħidma fil-port) tikseb il-kunsens bil-miktub minn qabel mingħand l-Awtorita'[7];

---

[2] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-atti
[3] Xhieda ta' Gejtu Vella 27.3.2014 f'paġġ.  tal-atti
[4] Dok "CCL2", f'paġġ. 22 sa 31 tal-atti
[5] Klawsola 46
[6] Klawsola 27
[7] Klawsola 28

Tqis li għalkemm CC ngħatat il-konċessjoni fl-1995, sa minn meta sar il-ftehim bejn l-Awtorita' intimata u PFC fl-2009, ħarset dak il-ftehim u nqdiet b'*foremen* ta' PFC għal xogħol ta' ħatt minn fuq bastimenti b'merkanzija li ma kenitx siment;

Tqis li b'ittra tal-11 ta' Marzu, 2014[8], l-intimata CC bagħtet tgħarraf lil PFC li, b'seħħ minn dakinhar stess, ma kenitx teħtieġ aktar is-servizzi tagħha lanqas għax-xogħol ta' ħatt minn bastimenti li ma kienx imħolli f'idejn l-imsemmija tliet *foremen*;

Tqis li, dak inhar li CC bagħtet l-ittra lil PFC biex tgħarrafha li ma kenitx teħtieġ aktar is-servizzi tagħha, il-bastiment *M.v. Challenger* kien beda jħott fi Fuel Wharf. Hekk kif CC laqgħet in-notifika tar-rikors imressaq minn PFC, il-ħatt twaqqaf[9];

Tqis li l-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta hija s-suċċessur fil-jeddijiet u fir-responsabbiltajiet tal-Awtorita' Marittima ta' Malta u dwar dak kollu li din kienet intrabtet bih, kemm ma' PFC u kif ukoll ma' CC;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tibda, tagħmel jew tkompli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[10];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux

[8] Dok "B", f'paġ. 7 tal-atti
[9] Xhieda ta' Jimmy Sammut 27.3.2014 f'paġ. tal-atti
[10] Art. 873(1) tal-Kap 12

soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[12];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li dwar il-jedd mad-daqqa ta' għajn, PFC tistrieħ fuq żewġ fatti: l-ewwelnett fuq il-ftehim milħuq bejnha u bejn l-Awtorita' intimata f'Jannar tal-2009 u kif ukoll fir-rabtiet li CC daħlet għalihom mal-awtorita' kompetenti f'Lulju tal-1995 meta ngħatat il-konċessjoni mingħandha biex tistalla l-impjant jew *silos* tagħha u tmexxi n-negozju tal-importazzjoni tas-siment u materjal affini minn fuq Fuel Wharf;

---

[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[12] Art. 875(3) tal-Kap 12
[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Tqis li dwar l-ewwel imsemmi ftehim, joħroġ ċar li PFC tħaddan jeddijiet kważi ta' esklussivita'. Fuq kollox ħadd ma qal li dak il-ftehim mgħadux fis-seħħ;

Tqis li, dwar it-tieni msemmi ftehim, għalkemm ma hemmx dubju li dan kien daħal fis-seħħ snin qabel ma daħal fis-seħħ il-ftehim tal-2009, CC xorta waħda għarfet fil-prattika dak li l-Awtorita' u PFC qablu dwaru fl-2009 u baqgħet twettqu sa Marzu ta' din is-sena;

Tqis li l-argument ta' CC li l-ftehim ta' Jannar tal-2009 ma jorbothiex għaliex dak hu ftehim bejn ħaddieħor u li hi ma kenitx firmatarja tiegħu ma jissarrafx f'nuqqas ta' jedd mad-daqqa ta' għajn għal PFC. Minbarra dan, il-fatt li, fil-prattika, CC sa ftit ġimgħat ilu qagħdet mal-imsemmi ftehim u osservatu dgħajjef ħafna l-argument tagħha li dak il-ftehim ma jorbothiex. Kemm hu hekk, fil-11 ta' Marzu, 2014, dehrilha li kellha tgħarraf lil PFC li ma kenitx teħtieġ aktar is-servizzi tagħha għall-ħatt tal-merkanzija fi Fuel Wharf għaliex, impliċitament, kienet tagħraf li kienet marbuta lejn PFC biex tinqeda bis-servizzi tagħha. Li kieku ma kienx hemm xi għamla ta' rabta, ma kienx meħtieġ l-ebda avviż;

Tqis, għalhekk, li PFC seħħilha turi li għandha jedd mad-daqqa ta' għajn li jistħoqqlu l-ħarsien bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

Tqis li, għal dak li jirrigwarda l-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat irid jintwera li l-preġudizzju li ġġarrab il-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat irid ikun hekk li l-ħsara li tiġri jekk kemm-il darba jsir dak li l-Mandat irid iżomm milli jseħħ ma tkunx tista' titreġġa' lura wkoll wara li l-kwestjoni tkun tqieset minn qorti fil-mertu. Il-ħsara li trid tintwera li qiegħda tiġġarrab trid tkun waħda ta' preġudizzju tassew u mhux sempliċement waħda ta' diffikulta' jew skumdita'[14]. Huwa stabilit ukoll li, fejn il-ħsara li ġġarrab parti minħabba

[14] Kumm. **26.5.1995** fl-atti fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe et vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

l-għamil tal-parti intimata jista' jkun indirizzat, rimedjat jew kumpensat b'azzjoni għad-danni jew imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[15], jiġi nieqes l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat[16];

Tqis li, fil-każ tal-lum u fiċ-ċirkostanzi li joħorġu mill-atti, PFC hija fil-qagħda li tieħu l-passi meħtieġa, ukoll dawk ġudizzjarji, biex tirrimedja għat-telf li hija setgħet ġarrbet minħabba l-mod kif imxiet magħha CC, u dan tista' tagħmlu fiż-żmien xieraq bla ma teħtieġ il-Mandat;

Tqis li, minħabba l-mod kif inhu organiżżat ix-xogħol fil-Port il-Kbir, PFC tinsab f'qagħda li tkun taf b'kull bastiment li jdaħħal xogħol fil-moll in kwestjoni marbuta mal-attivita' kummerċjali kollha ta' CC u b'hekk tinsab f'qagħda wkoll li tkejjel x'jista' jkun id-dannu li ġġarrab minħabba l-ksur tal-kuntratt minnha allegat min-naħa ta' CC;

Tqis ukoll li, wkoll mingħajr il-Mandat minnha mitlub, PFC għandha rimedji proċedurali u sostantivi oħrajn fejjieda u effettivi biex tħares il-pretensjonijiet tagħha minħabba dan l-allegat ksur unilaterali tal-ftehim, ukoll bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji oħrajn;

Tqis li, fuq kollox, ir-rimedju mitlub minn PFC wkoll għal kull bastiment ieħor li, skond hi, sejjer fil-ġejjieni jkun qiegħed iħott merkanzija li hija tqis li jmissu jinħatt mill-*foremen* tagħha jikkostitwixxi element ta' indeterminatezza billi jista' jibqa' miftuħ b'mod indefinit. Dan huwa aspett li jimmilita kontra l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li, minnu nnifsu, huwa maħsub li jagħti rimedju konservattiv u temporanju għall-ilment ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu;

Tqis ukoll li, minn kif inhi mfassla t-talba għall-ħruġ tal-Mandat (ukoll kif iċċarata mill-għaref difensur tal-istess PFC waqt is-smigħ), dak li trid

[15] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[16] P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et*** (mhix pubblikata)

PFC mhuwiex daqstant li żżomm lil CC milli tagħmel xi ħaġa, iżda li ġġiegħlha tagħmel xi ħaġa. Dan għaliex, PFC trid li CC tinqeda bilfors bil-*foremen* tagħha għal kull ħatt minn fuq bastimenti ta' merkanzija li mhijiex siment;

Tqis ukoll li huwa stabilit li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[17], u ma jistax iservi biex iġiegħel lill-parti intimata biex iżżomm il-wegħda li hija setgħet intrabtet biha fil-ftehim mal-parti rikorrenti. Dwar dan, hija tista' ddur għar-rimedji l-oħrajn li l-liġi tagħtiha, f'dak li għandu x'jaqsam ma' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni. Minbarra dan, il-Qorti tqis talba bħal din bħala waħda li tagħti lok għal *specific performance*[18], li wkoll imur lil hinn minn dak li jgħid l-artikolu 873 tal-Kap 12;

Tqis minħabba f'hekk, li hawnhekk jonqos l-element kostitutiv tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat u tal-għamla ta' rimedju li jista' jintalab;

Tqis għaldaqstant li, ladarba jonqsu l-imsemmija elementi kostitutivi kollha meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, it-talba ma tistax tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tas-soċjeta' koperativa rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub billi ma jeżistux l-elementi kollha li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar** *contrario imperio* d-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2014, safejn kienet laqgħet it-talba tagħha provviżorjament; u

[17] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**
[18] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

**Tordna** li l-istess soċjeta’ rikorrenti tħallas l-**ispejjeż** ta’ din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------